MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 543/2014

**l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Vella Saviour**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita' attrici iddikjarat illi qieghed jintalab is-somma ta' mitejn, tnejn u tletin ewro, disgha u tletin centezmu (€232.39c) rapprezentanti *berthing fees* dovuti mill-konvenut Saviour Vella lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta rigward il-boat Matowisa. Minkejja li ntbaghtet ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 nhar l-24 ta' Settembru, 2010, din baqghet mhux notifikata wara diversi tentattivi (Dok.'A') u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra legali u ta’ l-ittra ufficjali ezekuttiva fuq imsemmija u bl-imghax legali mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Awtorita’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Awtorita’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ mitejn, tnejn u tletin ewro, disgha u tletin centezmu (€232.39c) bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------